**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 752/16 fl-ismijiet:**

**Rikors numru: 298/16 CFF**

**Maria Arrigo**

**vs**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054)**

**Illum 8 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Maria Arrigo fejn esponiet:

1. Illi permezz tal-ittra ufficjali numru 2279/17, is-socjeta' interpellanta għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 talbet lir-rikorrenti sabiex tħallas l-ammont ta' elf sitt mija u Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€1,601.84) rappreżentanti bilanċ li skond is-soċjeta' interpellanta huwa dovut għall-konsum ta' ilma, kera ta' meter tal-ilma, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien ma imgħax dovut fuq l-ammont skond il-liġi relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000038920 ossia dwar il-fond bl-indirizz Mellieħa Pharmacy, Triq Ġorġ Borg Olivier, il-Mellieħa;

2. Illi r-rikorrenti ġiet notifikata bl-imsemmija ittra uffiċjali nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu, 2017;

3. Illi fl-ewwel lok u kuntrarjament għal dak indikat fl-ittra uffiċjali, ir-rikorrenti qatt ma ġiet interpellata qabel mis-soċjeta' interpellanta dwar dan l-ammont allegatament dovut;

4. Illi di piu', ir-rikorrenti ilha li waqfet topera l-kummerċ fil-fond imsemmi fl-ittra uffiċjali viċin għoxrin (20) sena ilu;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pretenzjoni tas-soċjeta' interpellanta hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u għal dawk li jistgħu jirriżultaw fl-eventwalita' trattazzjoni ta' kawża dwar din il-vertenza, ir-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta topponi ruħħa għat-talba tas-soċjeta' interpellanta hekk kif kontenuta fl-ittra uffiċjali numru 2279/17 u umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara t-talba bħala waħda infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' interpellanta.

Rat **ir-risposta tal-Automated Revenue Management Services Limited** fejn esponiet:

1. Illi l-kont indikat fl-ittra uffiċjali promotorja dik bin-numru 2279/2017 datata 23 ta' Awwissu 2017 u cioe' 101000038920 minn dejjem kien reġistrat f'isem ir-rikorrenti u baqa' hekk reġistrat sa meta ġie definittivament magħluq minħabba nuqqas ta' ħlas, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dar-rikors.

2. Illi għalhekk ir-responsabbilita' għall-ħlas tal-istess kont hija u baqgħet tar-rikorrenti.

3. Illi l-fatt li r-rikorrenti waqfet milli teżerċita l-kummerċ fejn kien hemm is-servizz ma jfissirx li hija ma baqax responsabbli għall-ħlas tal-kont in kwistjoni. Ir-responsabbilita' f'das-sens tieqaf biss meta hija tippreżenta applikazzjoni korretta u bid-dokumentazzjoni meħtieġa għat-trasferiment tal-kont għal fuq ħaddieħor.

4. Illi minn spezzjoni tal-fond fejn kien hemm is-servizz, liema spezzjoni saret fl-2016, irriżulta li l-meter tal-ilma ma kienx in situ u għalhekk, skont ir-regolamenti (S.L. 545.03 Art. 39) ġiet miżjud l-ammont ta' €1,500.00 bħala danni.

5. Illi għalhekk ukoll l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ndikat mir-rikorrenti ma tissussisstix.

6. Illi, għaldaqstant u b'riżerva għal kull prova oħra kif ikun meħtieġ li tinġieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-soċjeta' esponenti pro et nomine titlob li din l-istess Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrenti bħala mingħajr bażi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra uffiċċjali numru 2279/2017 ppreżentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħala titolu eżekuttiv kontra r-rikorrenti.

Ikkunsidrat:

**Reuben Bonnici**, rappreżentant tal-ARMS jispjega li l-ittra uffiċjali nħarġet fuq żewġ accounts. Illi fil-kont li jispiċċa bin-numru 63265 kien ingħalaq. Illi minn dan il-kont baqa' bilanċ ta' 33.40 cents x'jitħallas (ara dok ARMS 3). Kienet saret ukoll applikazzjoni ħalli jingħalaq dan il-kont (ara dok ARMS 4 a fol. 49). Waqt li fil-kont l-ieħor li jispiċċa 104459 li huwa wkoll magħluq hemm dovut fl-ammont ta' 3,093.77 ewro. Ma' dan il-kont ġew miżjuda wkoll legal charges li deheru f'dan il-kont. Illi ġie indikat permezz ta' applikazzjoni li kien ingħalaq fis-27 ta' Settembru 2012.

Reuben Bonnici reġa' xehed fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2019, qal li meta jkun hemm talba sabiex jingħalaq il-kont trid issir applikazzjoni għal dan l-iskop. Huwa ikkonferma li wara li jingħalaq il-kont ma tingħatax riċevuta u kull ma jintbagħat huwa l-final bill skont ma jkun hemm fl-applikazzjoni. Wara meta jmorru biex jaqilgħu l-meter jaraw jekk kienx hemm konsum u jinħareġ kont għal dan il-għan.

**Maria Arrigo** qalet li l-propjetà bin-numru 110 kien inbiegħ xi għoxrin sena qabel u cioè fis-sena 2008. Fil-fatt kienet daħlet applikazzjoni fit-30 ta' Diċembru 2008 (ara dok MA1) għat-tneħħija tal-arloġġ. Għalkemm kienu qalulha li kienu se jiġu l-ħaddiema sabiex jaraw il-meter, kien biss sentejn wara li ġiet infurmata li l-meter ma nstabx fuq il-post u fil-fatt kienu bagħtula kont. Fil-fatt wara li kienet irċeviet il-kont, bagħtet ittra sabiex tinfurmahom li kienet daħlet applikazzjoni sabiex jinqala' l-meter. Hija qalet li bejn is-sena 2008 u l-2012, ħadd ma kien qalilha jew infurmaw lil xi ħadd dwar il-meter. Ġew esebieti diversi dokumenti oħra fejn hemm korrispondenza bejn Maria Arrigo (ara dok MA5 a fol 82) fejn qiegħed jintqal li l-ammont ta' 1500 ewro għal kull servizz qiegħed jiżdied għal post ta' ġewwa l-Imsida.

**Louis Sant Cassia** fejn għamel referenza għad-dokument li jinsab a fol 50 rigward applikazzjoni għat-tneħħija ta' servizz liema dokument għandu d-data tal-15 ta' Settembru 2012. Huwa kkonferma d-dokumenti fejn kien hemm il-firem ta' Maria Arrigo u kompla jgħid li wara li applikaw sabiex

ineħħu l-meter, kienu ġew u ħadu l-qari u wara xi xahar neħħew il-meter. Wara li tneħħa l-meter ma kienux tawħ xi riċevuta għal dan il-għan. Rigward xi kontijiet li kienu pendenti, huwa żied jgħid li ma setax jgħid għax kienet oħtu li kienet tirċievi dawn il-kontijiet.

**Ruben Bonnici** reġa' xehed fis-seduta tas-6 t'Ottubru 2020 u esebixxa statement bħala dok ARMS 2 li jinsab a fol 94. Illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022, reġa' xehed fejn qal li l-aħħar pagament għal kont li jispiċċa bin-numru 3265 kien hemm pagament li sar fil-25 ta' Settembru 2012 u dan il-ħlas kien sabiex titħallas 55 ewro biex issir applikazzjoni għat-tneħħija tal-meter tad-dawl minn fuq dan il-kont. Dan għamel referenza għad-dokument ARMS 3 waqt li dok ARMS 4 hija l-applikazzjoni sabiex jitneħħa servizz. Waqt li fid-dokument dok ARMS 6, il-kont huwa reġistrat fuq Maria Arrigo. Huwa qal li kien hemm żieda ta' 1500 ewro bħala multa għal meter tad-dawl u oħra għal meter tal-ilma. Ġara li wara li saret l-applikazzjoni marru ħaddiema sabiex jaqilgħu l-meters u dawn ma nstabux fil-post indikat.

Saret trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta li r-rikorrenti kienet applikat sabiex jitneħħew il-meters li kellha ġewwa l-propjeta tagħha. Ġara pero' li fi propjeta' minnhom, għalkemm saret applikazzjoni sabiex jitneħħew, skont is-soċjeta' ARMS ma kienux instabu fil-post u għalhekk kaġun ta' hekk żiedu mal-kont li kien baqa' żewġ multi għas-somma ta' 1500 ewro għal kull meter li kien hemm fil-propjeta'. Illi skont ma qalet l-istess Maria Arrigo, ġiet infurmata żmien wara li ma kienux sabu dawn iż-żewġ meters mis-soċjetà ARMS. Illi min-naħa tal-istess Maria Arrigo ġabet jixhed lil Louis Sant Cassia fejn ikkonferma li kienu ġew il-ħaddiema u neħħew il-meters waqt li kontijiet kienet oħtu li tirċivihom.

**Ikkunsidrat**

**Il-Preskrizzjoni**

Illi r-rikorrenti qajmet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rikors promotur tagħha. Illi kif ingħad fir-rikors promotur ma ġietx indikata d-dispożizzjoni speċifika tal-liġi li tikkontempla l-preskrizzjoni partikolari li ġiet eċċepieta. Huwa ritenut fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi jekk ma tiġix indikata espressament u b'mod suffiċjentement ċar il-preskrizzjoni eċċepieta, bl-indikazzjoni tal-artikolu u s-subinciż speċifiku, l-eċċezzjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata mill-Qorti u għandha tiġi mwarrba. Il-Qorti filwaqt illi tosserva li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li għalkemm ġiet sollevata fir-rikors promotur, illi f'ebda ħin matul dawn il-proċeduri ma tressaq xi aċċenn dwar taħt liema artikolu tal-Liġi liema jaqa' l-preskrizzjoni għal dan il-każ partikolari. Illi fil-

fatt sar biss aċċenn waqt it-trattazzjoni finali li hemm referenza għall-artikolu 215 (f) (sic!!) għalhekk dan in-nuqqas ġie rettifikat u għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tara din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat**

Il-preskrizzjonijiet eċċepita mill-attriċi huma s-segwenti fejn jidher fit-traskrizzjoni li huwa l-artikolu 215(f) (sic!!) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa wkoll fatt li meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eċċepita ma tkunx applikabbli għal każ in eżami, mhux il-kompitu tagħha li toqgħod tindaga u tara hija stess liema hija l-preskrizzjoni li taqa' fiha din l-azzjoni. Il-Qorti hija marbuta taħt dak li jgħid l-artikolu 2111 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata. Illi pero' fi kwalunkwe każ il-preskrizzjoni msemmija fejn qegħda ssir referenza għall-artikolu 215(f) seta' kien żball u r-referenza kellha tkun għal dak li hemm fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fi kwalunkwe każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin.

Illi għalhekk jekk huwa l-każ li l-artikolu huwa għal dak li hemm fl-artikolu-2156 (f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjeta' konvenuta opponiet għal kwistjoni tal-preskrizzjoni. Sejra ssir referenza għal kawża fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello**, deċiża fit-13 ta' Marzu 2009 intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-

> "*Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izjed hlief id-dekorriment taz-zmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza, jew, alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni giet sospiza jew interrotta. Jinzel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-*
>
> *(1) Ir-ricerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti, jew xi wahda minnhom, kienux jew le opponibbli ghat-talba;*
>
> *(2) F'kaz ta' applikabilita` ta' xi wahda minnhom, jekk il-perijodu preskrittiv giex interrott ghal motiv dedott mis-socjeta` attrici;*
>
> *(3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat."*

Illi wara li ġie determinat taħt liema artikolu tal-Liġi l-azzjoni tista' tkun preskritta issa irid jiġi kkunsidrat jekk ir-rikorrenti bħala l-eċċipjent tal-preskrizzjoni f'dan il-każ, tatx effett lill-preskrizzjoni minnha eċċepita billi

segwiet l-proċedura rikjesta *ad validitatem* mill-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Illum dan l-Artikolu jistipola illi:-

> *(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149,* ***2156*** *(enfazi tal-Qorti) u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

L-imsemmi l-Artikolu 2160 ġie emendat bis-saħħa tal-emendi introdotti bl-Att I tal-2017 u immedjatament wara, bl-Att VIII tal-2017. Illi din il-kawża ġiet intavolata fit-2 ta' Diċembru 2016, fejn l-Att I kien daħal fis-seħħ nhar it-13 ta' Jannar 2017 u l-Att VII tal-2017 daħal fis-seħħ nhar l-24 ta' Frar 2017. Illi għalhekk dawn l-emendi ma kienux fis-seħħ meta ġiet intavolata din il-kawża. Illi kif ġie ritenut fis-sentenza riċenti fl-ismijiet **P&S Limited et vs Noel Zammit et**, deċiża fis-16 ta' Frar 2018 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn ġie trattat l-emendi li saru fl-Artikolu 2160:-

> *"… l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili."*

Illi għalhekk f'dan il-każ l-applikazzjoni tal-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx minħabba li dawn il-proċeduri seħħew qabel daħal fis-seħħ il-proċedura msemmija fl-artikolu 2160 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-deċiżjoni **Bottega del Marmista Ltd vs. Paul Mifsud et** (App Civ 286/2015) mogħtija fis-26 ta' Jannar 2018 ġie enfasizzat li:-

> *"Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew*

*rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu."*

Illi madankollu, ir-rikorrenti meta xehedet ma qalet xejn li l-ammont ma kienx dovut iżda li l-meters kienu inqalgħu. Illi jekk din l-Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni jekk japplikax l-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, f'dan il-każ lanqas kien hemm xi parti mix-xhieda li jindika li dan l-ammont ma hux dovut. Illi anki jekk se mai kellhom japplikaw ir-regoli ta' qabel ma' saru l-emendi, f'dan il-każ l-istess attriċi ma semmiet xejn dwar li dan l-ammont ma kienx dovut ħlief għall-fatt li ġiet infurmata wara li kienu inqalgħu u weħlet żewġ multi. Illi għalhekk din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tal-preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi r-rikorrenti issostni li hija qatt ma qalgħet il-meters in kwistjoni u sabiex tikkonferma dan tela' jixhed ħuha u cioè Louis Sant Cassia fejn ikkonferma li kienu ġew ħaddiema u neħħew il-meters in kwistjoni. Illi għandu jingħad sabiex konsumatur jagħmel dan sabiex ikunu jistgħu jinqalgħu l-meters għandu fuq kollox japplika skont il-liġi u qatt ma jista' minn jeddu jagħmel dan. Il-Qorti tagħmel referenza għal dak li hemm fl-Artikolu 72 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.01 intitolata '***Regolamenti Fuq il-Provvista ta' l-Elettriku***', fejn jgħid:

> *Ebda konsumatur ma jeħles mill-obbligu tal-ħlasijiet tal-ħlas tal-meter jew tal-konsum f'lok imgħammar minnu kemm-il darba u sakemm ma jagħtix avviż bil-miktub lic-Chairman fejn ifissirlu li ma bi ħsiebux jibqa' juża l-kurrent elettriku minn dik id-data li tingħata minnu, u kemm-il darba u sakemm ma jkunx ħallas kull somma ta' flus li l-konsumatur ikollu jagħti taħt dawn ir-regolamenti*

Illi mill-istess dokumentazzjoni li ġew esebieti ħareġ biċ-ċar li tali talba saret sabiex il-meters jitneħħew. Illi wkoll kien ġie konfermat fl-istess xhieda tal-istess rappreżentant tas-soċjetà ARMS Ltd, illi ladarba issir din it-talba, kull ma jkun jonqos huwa li jiġu l-ħaddiema fuq il-post u jinqara r-*readings* li jkun hemm. Illi wara dan l-ispezzjoni u t-tneħħija tal-meters jinħareġ il-kont finali. Illi però f'dan il-każ, ġara li skont l-istess soċjetà ARMS Ltd meta marru l-ħaddiema tagħha, dawn il-meters ma nstabux fuq il-post u kien għalhekk li ġiet infurmata li sejrin jiżdied is-somma ta' elf u ħames mitt ewro (1500 ewro) għal kull meter li ma nstabx. Illi kien għalhekk li r-rikorrenti ma setgħetx tifhem għala kellha teħel dan l-ammont meta hija ma kenitx neħħiet dawn il-meters meta hi stess għamlet talba sabiex jitneħħew u ta dan ħallset is-somma mitluba mal-applikazzjoni.

Illi kif ingħad hawn fuq fl-artikolu 72, titfa' r-responsabiltà fuq il-konsumatur u f'dan il-każ fuq ir-rikorrenti li kellha tinforma lis-soċjetà' intimata kif preskritt bil-liġi. Illi l-istess rikorrenti kienet taf kif jimxu l-affarijiet għaliex qabel dan il-każ kienet anki neħħiet meters oħrajn u anki għamlet applikazzjoni sabiex jitneħħew.

Illi r-rikorrenti ssostni li hija qatt ma rċeviet xi informazzjoni oħra rigward il-meter li kien installat fil-propjetà' li kellha. Illi wara li saret spezzjoni kien irriżulta li dan il-meter ma kienx aktar imwaħħal fil-post imsemmi. Illi kien għalhekk l-awtoritajiet konċernati bagħtu l-ittra uffiċjali għal ħlas ta' dak li kien dovut. Illi r-rikorrenti ma setgħetx tagħti spjegazzjoni x'seta' sar minn dan il-meters u għar-raġuni li skont ma qal l-istess ħuha meta xehed f'dawn il-proċeduri, dawn il-meters kienu tneħħew mill-awtorità konċernata.

Illi kien għalhekk li inħareġ dan l-ammont addizzjonali ta' elf u ħames mitt Euro bl-applikazzjoni tar-regolament 39 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03. Illi mix-xhieda mgħotija mill-istess rappreżentant tal-istess ARMS Ltd, semma li dan in-numru tal-kont kien jgħajjat lill-istess rikorrenti Maria Arrigo u għalhekk kienet inħareġ dan l-ammont minħabba li ma nstabux il-meters. Illi skont l-istess rappreżentant tal-istess soċjeta' ARMS Ltd sejjaħ dan l-ammont bħala legal charges iżda ma ta ebda spjegazzjoni x'inhuma. Illi però din il-Qorti trid tifli wkoll il-kwistjoni jekk fil-fatt l-użu tal-ittra uffiċjlai maħruġa taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tinkludix ukoll ġbir ta' dan imsejjaħ legal charges. Illi wieħed mid-dokumenti li ġew esebieti turi korrispondenza bejn l-istess rikorrenti u rappreżentant tas-soċjeta' ARMS Ltd (dok MA 5 a fol 82) juri biċ-ċar li tali ammont ta' elf u ħames mitt ewro għal kull meter ġew miżjuda bħala 'fine' u cioe' multa. Illi fil-fatt saret referenza għal dak li hemm fl-Avviżi Legali numru 330 u 331 tas-sena 2008 sabiex tiġi mmultata dan l-ammont u miżjud mal-kont tagħha li fil-fatt hekk ġara. Illi għalhekk din il-Qorti fl-ispjegazzjoni tar-rappreżentant tas-soċjetà ARMS Ltd ma jistax jingħad li huma legal charges iżda multa u dawn mgħotija taħt r-regolament 39 tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03. kif ukoll taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.01 għal dak li hemm fir-regolament 50 fejn jgħid espressament li:

> ***50.*** *Il-meters jibqgħu proprjetà tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollu l jedd li jimponi ħlas ta' €1500 jekk meter installat f 'post ta' konsumatur sussegwentement ma jinstabx.*

Illi dawn ir-regolamenti jitkellmu dwar il-meter tal-ilma u tad-dawl meta jitneħħa mingħajr ma tkun l-Awtorita' konċernata li tagħmel dan. Illi fl-istess regolament l-enfasi huwa li dan l-ammont hekk miżjud huwa danni. Illi

rigward l-użu tal-ittra uffiċjali taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Services Ltd v Joseph Baldacchino u Mary Dolores Baldacchino f'isimhom proprju u in rappreżentanza tas-soċjeta' kummerċjali Charnwoods Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C3945 (appellanti) -** 16.12.2016 – per l-erudit Onor. Imħallef Anthony Ellul – li fiha inċidentalment is-soċjeta` intimata f'din il-kawża kienet ukoll appellata – stabbiliet li

> *"L-artikolu 466 tal-Kap. 12 hi procedura specjali li tapplika firrigward ta' hlas ta'* ***certi krediti"*** *(enfazi mizjuda minn din il-Qorti);*

Illi fil-kawża fi provvediment li tat il-Qorti fis-17 ta' Frar 2016 **fl-atti tal-ittra uffiċċjali numru 1119/13, datata 10 ta' April 2013, mibgħuta ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet: Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi vs Connie Buhagiar u Martin Buhagiar,** eżaminat fil-fond ta' liema xorta huma dawn iċ-ċerti krediti, u b'riferenza għall-każ li kellha quddiemha ddeċidiet li fost dawn il-krediti ma kienx hemm inklużа talba għal *indebiti solutio*:

> *Jinghad li l-uzu tal-Artikolu 466 huwa mezz eccezzjonali applikabbli ghall-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern u ohrajn specifikati fl- Artikolu u dan sabiex il-Gvern ta' Malta jkun jista', permezz ta' din il-procedura eccezzjonali, jigbor il-krediti dovuti lilu billi l-Kap tad-Dipartiment jikkonferma bil-gurament li l-kreditu huwa dovut.*
>
> *Skont l-Artikolu 466 tal-Kap. 12:*
>
> *"1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jingħabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull* ***servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet ohra fuq beni, kumpens ghallokkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa*** *ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-reġistratur, imhallef jew maġistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad- debitu u l-isem taddebitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut….."*.

*"Filwaqt li l-Awtorita' temmen li l-legislatur ipprova jindirizza kull tip ta' kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern, il-ligi mhux hekk tipprovdi ghaliex il- ligi f'dan l-artikolu stess telenka tipi ta' krediti li jistghu jkunu dovuti u wara tikkonkludi bil-kliem "...jew dritt jew taxxa ohra dovuti..." [pero' dan ma jfissirx li qed tinkorpora kwalunkwe tip ta' kreditu li jista' jkun dovut]. Il- kliem "kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti" ma jinkludix rifuzjoni ta' flus gja imhallsa.*

*"Il-hlas li tippretendi l-Awtorita' intimata hi rifuzjoni tal-flus li thallsu lir- rikorrent u dan peress li qieghed jinghad li r-rikorrenti kisru l-obbligu kuntrattwali taghhom meta naqsu li jipprezentaw prova dwar id-dhul tal- household taghhom. Fil-fehma tal-Qorti linterpretazzjoni li l-Awtorita' intimata taghti lill-Artikolu 466 tal-Kodici hu wiesgha wisq.*

*"Il-Qorti tispjega u tghid li bil-kliem "jingabar lura dejn dovut ....dwar kull servizz" il-legislatur kien qieghed jirreferi ghall-hlas, talli persuna tkun inghatat servizz. F'dan ir-rigward is-somma ta' €560 m'hijiex hlas ghal servizz, izda hlas lura ta' flus li l-Awtorita' intimata tat erronjament lir- rikorrent ghar-raguni li qieghda tghid li r-rikorrenti ma mlewx l-applikazzjoni kif imiss.*

*"Mhux argument li ssir riferenza ghal dik il-parti tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fejn jinghad: "sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi". Dan ghaliex il-Qorti tosserva li:*

a) *L-Artikolu 466 ma japplikax ghal kull (sottolinear ta' din il-Qorti) kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern jew korp kostitwit b'ligi. Kieku dik kienet l- intenzjoni tal-legislatur ma kienx ikun hemm skop ghalfejn jissemmew il- kazijiet fejn dik ilprocedura tista' tigi addottata. Il-lista ta' kazijiet fejn tista' tigi addottata l-procedura taht l-Artikolu 466 hi ezawrjenti.*

b) *Il-kliem ".. sabiex jigbor kull ammont dovut" gew inseriti filprovvediment fir-rigward ta' korp li b'ligi jkun awtorizzat li jigbor dejn favur il-Gvern jew korp kostitwit b'ligi. B'daqshekk ma jfissirx li l-Artikolu 466 japplika ghal kull tip ta' kreditu li jista' jippretendi li ghandu l-Gvern jew korp imwaqqaf b'ligi.*

*Ifisser biss li korp awtorizzat jirkupra dejn favur il-gvern jew korp imwaqqaf b'ligi, ikun jista' fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 jaddotta dak il-provvediment biex jirkupra l-hlas dovut.*

Illi apparti li l-Artikolu 466(1) ikopri "kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti" japplika ukoll "fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' *meters* relatati (Artikolu 466(2)).

Issa l-kreditu pretiż fl-ittra uffiċċjali mertu ta' din il-proċedura jikkonsisti f'**danni**" u dan fi kliem Paragrafu 39 ta' L.S. 545.03 li jaqra hekk:

> *"Meta jinstab li jkun sar xi tbaghbis jew hsara fil-komunikazzjoni, jew li persuna tkun qieghda tiehu l-ilma minn xi kanna jew taghmir tal-Korporazzjoni minghajr ma jkun hemm arlogg, il-Korporazzjoni ghanndha titlob lill-konsumatur, sid jew residenti fil-fond, skond ilkaz, ihallasha danni f'ammont ta' mhux inqas minn elf u hames mitt euro (€1,500)."*

Illi wkoll jingħad għal dak li hemm fir-regolament 50 tal-Liġi Sussidjarja 545.01 fejn hawn tista' tiġi imposta ammont ta' elf u ħames mitt euro (€1,500). Illi filwaqt fir-regolament 39 (LS 545.03) jitkellem dwar danni waqt li fir-regolament 50 (LS 545.01) jitkellem fuq imposizzjoni ta' ħlas għax ma sabux il-meters li għandha l-istess sinjifikat ta' danni.

Illi l-imsemmi Artikolu 466 imkien ma jsemmi l-ħlas tad-danni fost it-tipi ta' krediti li jaqgħu taħt id-disposizzjonijiet tiegħu. Illi kif ingħad din id-disposizzjoni tal-liġi hija waħda li trid tiġi soġġetta għal interpretazzjoni strettissima;

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tas-soċjeta ARMS Ltd billi tiddikjara li t-talba magħmula bl-ittra uffiċċjali numru 752/16 mibgħuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd vs Maria Arrigo m'għandhiex tiġi esegwita bħala titolu esekuttiv.

Bl-ispejjeż kontra is-soċjeta ARMS Ltd.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**